Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0550(COD)

22.6.2026

EMENDI
917 - 1224

Abbozz ta' rapport
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke
(PE787.746v01-00)

L-istabbiliment tal-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034, u t-tħassir tar-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

Proposta għal regolament
(COM(2025)0550 – 2025/0550(COD))

Emenda 917
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ***artistiku, kreattiv u editorjalment indipendenti*** ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. en

Emenda 918
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	(a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, ***inklużi produzzjonijiet u koproduzzjonijiet indipendenti,*** bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti huma l-mutur tad-diversità awdjoviżiva Ewropea.

Emenda 919
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;	a) l-appoġġ għall-ħolqien ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, f'diversi formati u ġeneri, ***il-produzzjonijiet u l-koproduzzjonijiet indipendenti,*** bil-potenzjal li jintlaħqu udjenzi differenti lil hinn mill-fruntieri;

Or. it

Emenda 920
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***it-trawwim*** taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni***, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri*** tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej ***fuq il-mezzi kollha*** fl-Unjoni u ***internazzjonalment***, inkluż bi strateġiji ***tad-distribuzzjoni*** kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) ***it-tisħiħ*** taċ-ċirkolazzjoni, ***il-promozzjoni,*** id-distribuzzjoni ***teatrali fiċ-ċinemas, id-distribuzzjoni lineari u online*** tax-xogħlijiet ***ċinematografiċi u*** awdjoviżivi Ewropej ***inklużi xogħlijiet relatati mal-patrimonju u d-disponibbiltà tagħhom online,*** fl-Unjoni u ***barra mill-Unjoni fl-ambjent diġitali l-ġdid***, inkluż ***b'mudelli tan-negozju innovattivi u*** bi strateġiji kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni***, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' tipi differenti ta' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi, l-istrateġiji ta' rilaxx rispettivi tagħhom u l-opportunitajiet tas-suq li jeżistu għal kull wieħed minnhom, u l-appoġġ għall-aċċessibbiltà multilingwi billi jiġu pprovduti sottotitoli u doppjaġġ b'diversi lingwi tal-Unjoni, bl-għan li tiġi promossa d-diversità lingwistika u li x-xogħlijiet isiru aċċessibbli għal udjenza wiesgħa***;

Or. en

Emenda 921

Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***it-trawwim*** taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni***, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri*** tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej ***fuq il-mezzi kollha*** fl-Unjoni u ***internazzjonalment***, inkluż bi strateġiji ***tad-distribuzzjoni*** kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) ***it-tisħiħ*** taċ-ċirkolazzjoni, ***il-promozzjoni,*** id-distribuzzjoni ***teatrali fiċ-ċinemas, id-distribuzzjoni awdjoviżiva u d-distribuzzjoni online*** tax-xogħlijiet ***ċinematografiċi u*** awdjoviżivi Ewropej ***inklużi xogħlijiet relatati mal-patrimonju u d-disponibbiltà tagħhom online,*** fl-Unjoni u ***barra mill-Unjoni fl-ambjent diġitali l-ġdid***, inkluż ***b'mudelli tan-negozju innovattivi u*** bi strateġiji kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni ***u appoġġ għall-aċċessibbiltà multilingwi billi jiġu pprovduti sottotitoli u doppjaġġ b'diversi lingwi tal-Unjoni, bl-għan li tiġi promossa d-diversità lingwistika u li x-xogħlijiet isiru aċċessibbli għal udjenza wiesgħa***;

Or. en

Emenda 922
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***it-trawwim*** taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) ***it-tisħiħ*** taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni ***teatrali u online***, il-prominenza***, l-iskopribbiltà,*** u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, ***filwaqt li tiġi promossa d-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa,*** inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni; ***filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' tipi***

differenti ta' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi, l-istrateġiji ta' rilaxx rispettivi tagħhom u l-opportunitajiet tas-suq eżistenti għal kull wieħed minnhom;

Or. en

Emenda 923
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni**,** il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni ***- inkluż fiċ-ċinemas, fit-teatri u fl-areni -*** il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej***, inklużi l-prodotti ċinematografiċi*** fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni***, kif ukoll id-doppjaġġ u s-sottotitolar***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għal swieq lingwistiċi iżgħar.

Emenda 924
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u	(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u

internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni***, u appoġġ għall-aċċessibbiltà multilingwi (inklużi s-sottotitolar, id-doppjaġġ u d-deskrizzjoni awdjo kif xieraq)***;

Or. en

Emenda 925
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni; ***u ż-żieda fis-sottotitolar ta' kwalità għolja, inkluż b'lingwi reġjonali, minoritarji u inqas użati;***

Or. en

Emenda 926
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni ***ċinematografika u online***, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-

kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni***, kif ukoll is-sottotitolar u d-doppjaġġ***;

Or. it

Emenda 927
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni ***teatrali u online***, il-prominenza***, id-diversità lingwistika, l-iskopribbiltà*** u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;

Or. en

Emenda 928
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza***, l-iskopribbiltà,*** u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni***, u s-sottotitolar u d-doppjaġġ***;

Or. en

Emenda 929
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;	(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni ***inkluża d-distribuzjoni teatrali***, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni u internazzjonalment, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni;

Or. en

Emenda 930
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni ***u internazzjonalment***, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati***, għodod tal-kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni***;	(b) it-trawwim taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni, il-prominenza u l-viżibbiltà transfruntieri tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-mezzi kollha fl-Unjoni, inkluż bi strateġiji tad-distribuzzjoni kkoordinati;

Or. fi

Emenda 931
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-appoġġ għall-aċċessibbiltà multilingwi billi jiġu pprovduti sottotitoli u doppjaġġ b'diversi lingwi tal-Unjoni, kif ukoll b'lingwi minoritarji, bl-għan li tiġi promossa d-diversità lingwistika u li x-xogħlijiet isiru aċċessibbli għal udjenza wiesgħa;

Or. en

Emenda 932
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-appoġġ għall-aċċessibbiltà multilingwi billi jiġu pprovduti sottotitoli, doppjaġġ u lingwi tas-sinjali anke bil-lingwi reġjonali u minoritarji u bil-lingwi sottorappreżentati;

Or. en

Emenda 933
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-	***imħassar***

komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. fi

Emenda 934
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet*** awdjoviżivi Ewropej, ***inkluż b'network ta' ċinemas*** Ewropej, festivals u ***kampanji ta' għarfien***, ***u jiġu mmirati b'mod*** partikolari ***ż-żgħażagħ Ewropej u*** l-komunitajiet ***mhux milħuqa biżżejjed***;	(c) ***it-tishiħ taċ-ċirkolazzjoni, id-distribuzzjoni teatrali u l-viżibbiltà tal-films u tax-xogħlijiet*** awdjoviżivi Ewropej, ***b'mod partikolari xogħlijiet*** Ewropej ***li jiċċirkolaw barra mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom, billi jiġu appoġġati l-atturi li jwassluhom għand l-udjenzi, inklużi l-aġenti tal-bejgħ internazzjonali, id-distributuri tal-films, iċ-ċinemas, in-networks taċ-ċinema Ewropej***, festivals u ***networks professjonali***, ***kif ukoll il-litteriżmu ċinematografiku u attivitajiet edukattivi, b'attenzjoni*** partikolari ***għall-udjenzi żgħażagħ, il-bliet żgħar, iż-żoni rurali u periferali, is-swieq u*** l-komunitajiet ***awdjoviżivi iżgħar fejn l-aċċess għaċ-ċinemas u għall-postijiet kulturali għadu limitat***;

Or. en

Emenda 935
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***it-tiswir*** ta' udjenzi ***għax-xogħlijiet*** awdjoviżivi Ewropej, inkluż ***b'network*** ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari	(c) ***l-appoġġ għall-involviment u l-iżvilupp*** ta' udjenzi ***għall-films u għax-xogħlijiet*** awdjoviżivi Ewropej***, b'mod partikolari xogħlijiet mhux nazzjonali***,

ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

inkluż ***permezz ta' appoġġ għall-wiri fiċ-ċinema, b'mod partikolari network*** ta' ċinemas Ewropej***, l-appoġġ għall-aġenti u d-distributuri tal-bejgħ internazzjonali, networks professjonali internazzjonali***, festivals u kampanji ta' għarfien, ***il-litteriżmu ċinematografiku u attivitajiet edukattivi*** u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. en

Emenda 936
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	(c) it-tiswir ta' udjenzi ***għall-films u*** għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej***, b'mod partikolari xogħlijiet mhux nazzjonali***, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, ***u l-appoġġ għal*** festivals***, aġenti u distributuri tal-bejgħ internazzjonali, networks professjonali internazzjonali,*** u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. en

Emenda 937
Annamária Vicsek, András László

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta'	(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta'

għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed***, inklużi l-persuni b'diżabbiltà u l-komunitajiet li ma għandhomx aċċessibbiltà***;

Or. en

Emenda 938
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, ***ankrati f'networks u postijiet reġjonali,*** u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. en

Emenda 939
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien ***u litteriżmu ċinematografiku***, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. it

Emenda 940
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, ***inkluż*** b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	(c) it-tiswir ***u l-involviment*** ta' udjenzi ***diversi*** għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, ***inklużi xogħlijiet relatati mal-patrimonju,*** b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. en

Emenda 941
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż ***b'network*** ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż ***permezz tal-litteriżmu ċinematografiku, network*** ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. en

Emenda 942
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals u kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet ***rurali*** mhux milħuqa biżżejjed;

Or. fr

Emenda 943
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals ***u*** kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;	(c) it-tiswir ta' udjenzi għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż b'network ta' ċinemas Ewropej, festivals***,*** kampanji ta' għarfien, u jiġu mmirati b'mod partikolari ż-żgħażagħ Ewropej u l-komunitajiet mhux milħuqa biżżejjed;

Or. en

Emenda 944
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-appoġġ għall-aċċessibbiltà tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej għall-persuni b'diżabbiltà, inkluż permezz ta' sottotitolar u sottotitolar deskrittiv għal udjenzi torox u b'diffikultajiet ta' smigħ, deskrizzjoni awdjo għal udjenzi għomja u b'vista parzjali, u formati aċċessibbli

oħra, akkumpanjati minn finanzjament adegwat u ddedikat u filwaqt li titqies il-kapaċità tad-distributuri indipendenti, taċ-ċinemas żgħar u tal-art-house, tal-SMEs u tal-operaturi minn swieq awdjoviżivi iżgħar;

Or. en

Emenda 945
Peter Agius, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) [1d] it-trawwim tad-dimensjoni transfruntiera billi jintlaħqu udjenzi u kumpaniji awdjoviżivi f'reġjuni insulari, ultraperiferiċi u periferiċi u l-promozzjoni ta' xogħlijiet b'lingwi uffiċjali tal-UE inqas mitkellma;

[1d] Paragrafu ġdid d

Or. en

Emenda 946
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-appoġġ għall-aċċess ibbażat fil-komunità għal films u xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, b'mod partikolari f'żoni b'infrastruttura taċ-ċinema limitata jew inežistenti, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' litteriżmu ċinematografiku u skrinjar ta' interess pubbliku organizzati f'libreriji, ċentri kulturali,

skejjel, ċentri taż-żgħażagħ, istituzzjonijiet kulturali lokali u postijiet fil-komunità, b'rispett sħiħ tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur u l-liċenzjar u b'appoġġ għall-aċċessibbiltà, is-sottotitoli, il-medjazzjoni u l-attivitajiet edukattivi għal udjenzi żgħażagħ;

Or. en

Emenda 947
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha;	(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej***, meta rilevanti fl-użu ta' intelliġenza artifiċjali pprovduta minn intrapriża Ewropea***, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha;

Or. fr

Emenda 948
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u ***kontenut immersiv*** Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, ***promozzjoni u*** skopribbiltà ***mmexxijin*** skont l-udjenzi, ***u*** distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha;	(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u ***xogħlijiet immersivi*** Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, skopribbiltà ***mmexxija*** skont l-udjenzi, distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha***, u ċirkolazzjoni, promozzjoni u viżibbiltà transfruntieri***

	kkoordinati, fl-Unjoni u internazzjonalment;

Or. en

Emenda 949
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej***, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha***;	(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej ***b'simplifikazzjoni tar-regoli u l-ħolqien ta' ambjent kompetittiv***;

Or. fi

Emenda 950
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha;	(d) l-appoġġ għall-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi ta' videogames u kontenut immersiv Ewropej, inkluż bi strateġiji ta' ttestjar tas-suq, promozzjoni u skopribbiltà mmexxijin skont l-udjenzi, u distribuzzjoni mal-pjattaformi kollha***, inkluż fir-reġjuni u bil-lingwi kollha***;

Or. en

Emenda 951
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ ***tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess*** għall-finanzi, ***skambji*** u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ ***u t-trawwim tal-emerġenza ta' talenti u awturi Ewropej, produtturi indipendenti u professjonisti oħra, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll id-diversità u l-inklużjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess*** għall-finanzi, ***b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-settur awdjoviżiv, u l-appoġġ għall-iskambji*** u networking bejn in-negozji, ***il-kooperazzjoni transfruntiera, il-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-industrija, u l-iżvilupp u*** l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi ***billi jissaħħu l-kompetenzi kummerċjali u l-ħiliet kreattivi, permezz ta' appoġġ għat-taħriġ, għan-networks professjonali, għall-kooperazzjoni u l-mobbiltà, u għall-operaturi awdjoviżivi Ewropej f'avvenimenti industrijali***;

Or. en

Emenda 952
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet	(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp ***tal-ħiliet u*** tat-talent ***tul il-katina tal-valur kemm għax-xogħlijiet awdjoviżivi kif ukoll għall-videogames u l-bini tal-kapaċitajiet***, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi ***primarjament għal intrapriżi żgħar b'kapaċitajiet amministrattivi aktar baxxi***,

kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	skambji u networking bejn in-negozji***, kooperazzjoni transfruntiera, parteċipazzjoni f'avvenimenti industrijali, u taħriġ għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' ħiliet kreattivi, kummerċjali, ta' koproduzzjoni u ta' kollaborazzjoni transfruntiera***, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;

Or. en

Emenda 953
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	e) it-tisħiħ tal-iżvilupp ***tal-kompetenzi u*** tat-talent ***u l-ħolqien tal-kapaċità***, ***b'mod partikolari b'risposta għat-trasformazzjonijiet kreattivi, tas-suq u teknoloġiċi, inkluż*** l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi***, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;

Or. it

Emenda 954
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji ***u networking*** bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent***, permezz ta' appoġġ għat-taħriġ, networks professjonali, kooperazzjoni u mobbiltà***, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi; ***permezz ta' appoġġ għat-taħriġ, networks professjonali, kooperazzjoni u mobbiltà.***

Or. en

Emenda 955
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ ***tal-iżvilupp*** tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ tat-talent***, l-iżvilupp tal-kompetenzi u tal-ħiliet, il-mobbiltà transfruntiera***, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi***, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ***u l-applikazzjoni*** ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;

Or. en

Emenda 956
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, ***fir-rigward tad-dritt tal-awtur u r-remunerazzjoni ġusta tal-kreaturi Ewropej,*** b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;

Or. fr

Emenda 957
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi***, inkluż permezz ta' raggruppamenti reġjonali u sħubijiet transfruntieri***;

Or. en

Emenda 958
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess għall-finanzi, ***b'attenzjoni partikolari għall-SMEs,*** skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-SMEs fis-settur awdjoviżiv jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali fl-aċċess għall-istrumenti ta' finanzjament tal-UE.

Emenda 959
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ għall-aċċess*** għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) ***l-iffaċilitar tal-aċċess*** għall-finanzi, skambji u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;

Or. en

Emenda 960
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ ***għall-aċċess għall-finanzi, skambji*** u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;	(e) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talent, l-appoġġ ***għall-iskambji*** u networking bejn in-negozji, l-adozzjoni ta' għodod u mudelli tan-negozju innovattivi, u strateġiji għall-użu transmedjali tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, fis-suq u teknoloġiċi;

Or. fi

Emenda 961
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-appoġġ għall-professjonisti tal-industrija bħad-diretturi tal-iskrin, l-awturi u l-produtturi billi jiġu pprovduti miżuri mmirati bħal taħriġ, residenzi, skemi ta' mobbiltà, formati ta' tagħlim bejn il-pari u ta' skambju, mentoraġġ, pjattaformi ta' networking u azzjonijiet personalizzati ta' bini tal-kapaċitajiet, bil-ħsieb li jkunu jistgħu jiżviluppaw il-proġetti tagħhom, jikkondividu l-esperjenzi, jibbenefikaw minn tagħlim reċiproku, jiżviluppaw ħiliet kreattivi, kummerċjali, ta' koproduzzjoni u ta' kollaborazzjoni transfruntiera;

Or. en

Emenda 962
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tisħiħ tal-iżvilupp tat-talenti u tat-taħriġ fil-ħiliet, b'mod partikolari b'rispons għal bidliet kreattivi, tas-suq u teknoloġiċi;

Or. en

Emenda 963
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' djalogu ta' politika, skambji tal-aqwa prattiki, ġbir u analiżi tad-data***, inkluż il-ħlas tat-tariffa kontributorja għas-sħubija tal-Unjoni fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew***;	(f) it-trawwim ta' djalogu ta' politika, skambji tal-aqwa prattiki, ġbir u analiżi tad-data;

Or. fr

Emenda 964
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' djalogu ta' politika, skambji tal-aqwa prattiki, ġbir u analiżi tad-data, inkluż ***il-ħlas*** tat-tariffa kontributorja għas-sħubija ***tal-Unjoni*** fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew;	(f) it-trawwim ta' djalogu ta' politika, skambji tal-aqwa prattiki, ġbir u analiżi tad-data, ***inkluża l-moderazzjoni*** tat-tariffa kontributorja għas-sħubija fl-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew;

Or. fi

Emenda 965
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-kontribut għal kundizzjonijiet aktar ekwi għall-pajjiżi awdjoviżivi b'kapaċità baxxa;

Or. en

Emenda 966
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-kontribut għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] .	(g) il-kontribut għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE***, mingħajr il-ħolqien ta' obbligi ġodda li jaqbżu l-qafas stabbilit minn din id-Direttiva,*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29] .
[29] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi ***tal-midja*** awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj).	[29] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi ***tal-media*** awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj).

Or. fr

Emenda 967
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni ***tal-objettiv speċifiku*** "***Awdjoviżiv***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura ***l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri*** b'kapaċitajiet ***awdjoviżivi*** differenti.	L-implimentazzjoni ***tal-fergħa*** "***Kultura - MEDIA***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika***, l-indipendenza kreattiva, id-drittijiet tal-awturi awdjoviżivi, u d-diversità tal-espressjonijiet kulturali,*** u tiżgura ***l-forniment ta' kundizzjonijiet aktar ekwi permezz ta' azzjonijiet b'valur miżjud Ewropew li jqisu l-ispeċifiċitajiet ta' pajjiżi differenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut, l-aċċess għall-kontenut, id-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq tagħhom u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom, b'mod li jwessa' l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi membri sħaħ bi swieq iżgħar u kapaċità ta' produzzjoni aktar baxxa, itejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni u l-kanali ta' distribuzzjoni, u jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn pajjiżi*** b'kapaċitajiet differenti.

Or. en

Emenda 968
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni ***tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv"*** għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni ***tal-fergħa Media+*** għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti. ***L-appoġġ għandu jkun ristrett għal xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut uman kreattiv sostanzjali u identifikabbli. L-objettivi tal-programm għandhom jiġu implimentati filwaqt li titqies il-kapaċità amministrattiva tal-benefiċjarji. Mingħajr***

preġudizzju għal [Regolament dwar il-prestazzjoni] jew [Regolament finanzjarju], l-obbligi ta' rapportar għall-benefiċjarji għandhom ikunu proporzjonati kemm għall-appoġġ finanzjarju riċevut kif ukoll għad-daqs tal-benefiċjarju.

Or. en

Emenda 969
Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti, ***filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull pajjiż, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut, l-aċċess għall-kontenut u d-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq tagħhom, b'mod li tikber il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi bi swieq iżgħar u b'kapaċità ta' produzzjoni aktar baxxa, b'hekk jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, għall-opportunitajiet kollaborattivi u għall-kanali ta' distribuzzjoni***.

Or. el

Emenda 970
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti. ***L-azzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi għandhom primarjament ikunu ta' benefiċċju għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, u għandhom jitfasslu biex isaħħu l-kompetittività, il-kapaċità tal-innovazzjoni u t-tkabbir transfruntier tagħhom.***

Or. en

Emenda 971
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "***Awdjoviżiv***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika ***u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti***.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "***MEDIA***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika***, u l-espressjonijiet kulturali u lingwistiċi. Din għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-artisti u l-professjonisti awdjoviżivi. Għal dan l-għan, l-appoġġ għandu jingħata esklużivament għal attivitajiet li jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri, kif ukoll remunerazzjoni ġusta u mhux diskriminatorja.***

Or. en

Emenda 972
Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ***tqis l-ispeċifiċitajiet tal-pajjiżi differenti u se*** ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika***,*** u tiżgura ***l-parteċipazzjoni u*** l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti***, u b'hekk tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet aktar ekwi***.

Or. en

Emenda 973
Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti***, inkluż fil-livell reġjonali, u tippromwovi l-kreazzjoni u l-aċċessibbiltà multilingwi***.

Or. en

Emenda 974
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni ***tal-objettiv speċifiku*** “***Awdjoviżiv***” għandha ssir b’rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b’kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni ***tas-subfergħa*** “***Media***” għandha ssir b’rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u ***billi tippromwovi l-kooperazzjoni u l-mobbiltà transfruntieri, filwaqt li*** tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b’kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

Or. en

Emenda 975
Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku “Awdjoviżiv” għandha ssir b’rispett sħiħ lejn il-libertà artistika ***u*** tiżgura ***l-kollaborazzjoni*** bejn entitajiet minn Stati Membri b’kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku “Awdjoviżiv” għandha ssir b’rispett sħiħ lejn il-libertà artistika***,*** tiżgura ***kundizzjonijiet ekwi usa’ u kollaborazzjoni msaħħa*** bejn entitajiet minn Stati Membri b’kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

Or. en

Emenda 976
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku “Awdjoviżiv” għandha ssir b’rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b’kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku “Awdjoviżiv” għandha ssir b’rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u ***filwaqt li*** tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati Membri b’kapaċitajiet awdjoviżivi differenti.

Or. sk

Emenda 977
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u ***tiżgura l-kollaborazzjoni bejn entitajiet minn Stati*** Membri ***b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti***.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Awdjoviżiv" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn il-libertà artistika u ***tippromwovi l-prattika tajba tal-Istati*** Membri ***li għandhom settur awdjoviżiv avvanzat***.

Or. fi

Emenda 978
Marcos Ros Sempere

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għal dak l-għan, il-Programm għandu jippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri, flimkien ma' remunerazzjoni ġusta u mhux diskriminatorja. Tali appoġġ għandu jkun dirett ukoll lejn xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut uman kreattiv sostanzjali u identifikabbli. Meta l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali jintużaw f'kapaċità awżiljarja, dawn għandhom iservu biex itejbu l-kreattività tal-bniedem u jkunu soġġetti għal kunsens infurmat, trasparenza sħiħa, u remunerazzjoni xierqa. Barra minn hekk, ix-xogħlijiet kreattivi ma għandhomx jibbażaw fuq kontenut iġġenerat mill-IA bħala l-input primarju tiegħu, li mbagħad jerġa' jinħadem mill-artisti, b'mod

partikolari fir-rigward tas-sottotitolar u d-doppjaġġ.

Or. en

Emenda 979
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu indirizzati permezz ta' appoġġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni, il-promozzjoni, u d-disseminazzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u appoġġ għall-aċċess għal dawk ix-xogħlijiet, bl-objettiv li jintlaħqu udjenzi differenti fl-Ewropa u lil hinn minnha, l-adattament għal żviluppi ġodda tas-suq u l-kontribut għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1808.

Or. en

Emenda 980
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-appoġġ fl-objettiv speċifiku "MEDIA" għandu jkun ristrett ulterjorment għal xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut uman kreattiv sostanzjali u identifikabbli. Meta l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali jintużaw f'kapaċità awżiljarja, dawn għandhom iservu biex itejbu l-kreattività tal-bniedem, jintużaw

bi trasparenza sħiħa u jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 981
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Programm għandu jikkontribwixxi wkoll biex tiżdied l-aċċessibbiltà għal udjenzi torox, b'diffikultajiet ta' smigħ, għomja u b'vista batuta u biex jitqiesu l-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jitqiesu r-realtajiet operazzjonali u ekonomiċi u jiġi żgurat li jsir disponibbli finanzjament adegwat biex jappoġġa dawn l-objettivi.

Or. en

Emenda 982
Chiara Gemma, Ivaylo Valchev

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta regolarment l-effettività u l-valur miżjud Ewropew tal-appoġġ għal-logħob vidjo u l-kontenut immersiv fil-Programm.

Or. it

Emenda 983
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "MEDIA" għandha tqis l-ispeċifiċitajiet ta' pajjiżi differenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-kontenut, l-aċċess għall-kontenut, id-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq tagħhom u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom, b'mod li jwessa' l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti u jsaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn dawk il-pajjiżi, u b'hekk jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet aktar ekwi.

Or. en

Emenda 984
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-azzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jintlaħqu l-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinsabu fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 985
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***

Aħbarijiet

Fil-fergħa MEDIA+, l-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandu jiffoka fuq:

(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;

(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u l-midja ta' interess pubbliku;

(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-midja tal-aħbarijiet;

(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u fil-midja biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;

(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Midja.

L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku

"Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali tal-midja u l-istandards professjonali.

Or. en

Emenda 986
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Aħbarijiet	
Fil-fergħa MEDIA+, l-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandu jiffoka fuq:	
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;	
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u l-midja ta' interess pubbliku;	
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-midja tal-aħbarijiet;	
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-	

identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u fil-midja biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;

(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Midja.

L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali tal-midja u l-istandards professjonali.

Or. en

Emenda 987
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aħbarijiet	***Media tal-Aħbarijiet - Stampa, Ġurnaliżmu u Verifika tal-fatti***

Or. en

Emenda 988
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aħbarijiet	***Kapitolu IV***
	Aħbarijiet u ġurnaliżmu

Or. en

Emenda 989
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aħbarijiet	***Media tal-aħbarijiet u Ġurnaliżmu***

Or. en

Emenda 990
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aħbarijiet	***Media tal-aħbarijiet u ġurnaliżmu***

Or. en

Emenda 991
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aħbarijiet	Aħbarijiet ***u Ġurnaliżmu***

Or. en

Emenda 992
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aħbarijiet	Aħbarijiet ***u ġurnaliżmu***

Or. en

Emenda 993
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa MEDIA+, l-objettiv speċifiku "***Aħbarijiet***" għandu ***jiffoka fuq:***	***F'konformità mal-objettivi tal-Programm imsemmija fl-Artikolu 3, is-subfergħa*** "***Media tal-Aħbarijiet***" għandu ***jkollha l-prijoritajiet li ġejjin;***

Or. en

Emenda 994
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa MEDIA+, l-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandu jiffoka fuq:	Fil-fergħa MEDIA+, l-objettiv speċifiku "Aħbarijiet ***u Ġurnaliżmu***" għandu jiffoka fuq:

Or. en

Emenda 995
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa ***MEDIA+***, l-objettiv speċifiku ***"Aħbarijiet"*** għandu jiffoka fuq:	Fil-fergħa ***Media tal-aħbarijiet u Ġurnaliżmu***, l-objettiv speċifiku għandu jiffoka fuq:

Or. en

Emenda 996
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, ***speċjalment*** meta jġarrbu t-theddid; ***il-monitoraġġ***, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja*** fis-suq intern***;*** u ***l-promozzjoni ta'*** standards ġurnalistiċi u editorjali;	(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti ***ta' interess pubbliku***, ***b'mod partikolari*** meta jġarrbu t-theddid***, il-pressjoni legali - inklużi SLAPPs - (Kawżi Strateġiċi Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika) - sorveljanza, fastidju jew prekarjetà ekonomika, b'mod partikolari f'kuntesti ta' riskji akbar u sistemiċi għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media***; ***u l-appoġġ għal inizjattivi li jikkontribwixxu għall-monitoraġġ***, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media*** fis-suq intern***, inkluż billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għar-riżorsi tas-sikurezza u l-appoġġ u t-taħriġ ta' emerġenza u psikosoċjali (online/diġitali, fiżiku u***

psikoloġiku) u ***billi jiġu promossi*** standards ġurnalistiċi u editorjali;

Or. en

Emenda 997
Irena Joveva, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni ***tal-kmamar tal-aħbarijiet*** u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja*** fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;	(a) il-protezzjoni ***tal-fornituri tas-servizzi*** u tal-ġurnalisti ***li jipprovdu kontenut tal-aħbarijiet u tal-ġrajjiet kurrenti bil-ħsieb li jiggarantixxu l-indipendenza tad-deċiżjonijiet editorjali***, speċjalment meta jġarrbu t-theddid***, sorveljanza, pressjonijiet legali jew ekonomiċi***; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media*** fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;

Or. en

Emenda 998
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid***; il-monitoraġġ***, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja*** fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;	(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid***, pressjoni legali, sorvejlanza, fastidju jew prekarjetà ekonomika***; ***u l-appoġġ għal inizjattivi li jikkontribwixxu għall-monitoraġġ***, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media***

fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;

Or. en

Emenda 999
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja*** fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;	(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, ***kif ukoll fornituri tal-informazzjoni indipendenti,*** speċjalment meta jġarrbu t-theddid ***fiżiku jew legali bla bażi***; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media*** fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;

Or. fi

Emenda 1000
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja*** fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali;	(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media*** fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali***, b'rispett sħiħ għall-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-media***;

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-politika dwar il-media tibqa' fil-biċċa l-kbira fil-kompetenza tal-Istati Membri. Il-programm għandu jappoġġa l-media mingħajr ma jinterferixxi fil-kompetenzi nazzjonali.

Emenda 1001
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni ***tal-kmamar*** tal-aħbarijiet ***u*** tal-ġurnalisti, speċjalment meta jġarrbu t-theddid***; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali***;	(a) il-protezzjoni ***u l-appoġġ għall-kmamar*** tal-aħbarijiet***,*** tal-ġurnalisti***, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, speċjalment meta jġarrbu t-theddid***, prekarjetà ekonomika, sorveljanza, fastidju jew vjolenza, inkluż online, filwaqt li jiġi żgurat ambjent abilitanti biex dawn joperaw b'mod indipendenti, liberu, sikur, u effettiv***;

Or. en

Emenda 1002
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet ***u*** tal-ġurnalisti***, speċjalment*** meta jġarrbu t-theddid***; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji*** tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja fis-suq intern; u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali***;	(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet***,*** tal-ġurnalisti ***u tal-libertà tal-media u tas-soċjetà ċivili li tipproteġi l-ġurnaliżmu, b'mod partikolari*** meta jġarrbu t-theddid ***jew fil-kuntest ta' riskji sistemiċi*** tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media u l-appoġġ għal inizjattivi li jikkontribwixxu għall-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-indirizzar ta' dawk ir-riskji***;

Or. en

Emenda 1003
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment meta jiġarrbu t-theddid***; il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u azzjonijiet li jindirizzaw ir-riskji*** tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja*** fis-suq intern; ***u l-promozzjoni ta' standards ġurnalistiċi u editorjali***;	(a) il-protezzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u tal-ġurnalisti, speċjalment ***il-media u l-ġurnalisti tal-oppożizzjoni,*** meta jiġarrbu t-theddid ***varjat, inkluż it-theddid ġdid bhat-tneħħija tar-riskji jew l-użu ta' software ta' spjunaġġ, kif ukoll il-preżervazzjoni*** tal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media*** fis-suq intern ***u r-rispons għal dawn ir-riskji***;

Or. fr

Emenda 1004
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-promozzjoni ta' mekkaniżmi li jissalvagwardjaw l-istandards ġurnalistiċi u editorjali u l-indipendenza editorjali; l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-ġurnalisti, inklużi l-korpi awtoregolatorji;

Or. en

Emenda 1005
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-promozzjoni ta' mekkaniżmi li jissalvagwardjaw l-istandards ġurnalistiċi u editorjali u l-indipendenza editorjali; l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-ġurnalisti, inklużi l-korpi awtoregolatorji;

Or. en

Emenda 1006
Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***it-tisħiħ tal-produzzjoni***, id-distribuzzjoni u ***l-konsum*** ta' kontenut ġurnalistiku ***professjonali***, ***inkluż*** rappurtaġġi ta' ***materji tal-Unjoni***, ġurnaliżmu investigattiv, ***aħbarijiet lokali, u l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) ***l-appoġġ għall-produzzjoni***, id-distribuzzjoni u ***l-aċċessibbiltà*** ta' kontenut ġurnalistiku ***prodott f'konformità mal-istandards professjonali Ewropej u internazzjonali***, ***inklużi*** rappurtaġġi ta' ***aħbarijiet indipendenti Ewropej, reġjonali u lokali, b'mod partikolari f'oqsma b'aċċess limitat għal rapurtaġġi tal-aħbarijiet indipendenti u li huma esposti b'mod partikolari għall-FIMI u d-diżinformazzjoni***, ġurnaliżmu investigattiv, ***it-tixrid ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet*** ta' interess pubbliku***, u attivitajiet transfruntieri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prominenza, l-iskopribbiltà u l-aċċessibbiltà ta' tali kontenut, il-kooperazzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet, dment li l-kontenut appoġġat jiġi prodott minn kmamar tal-aħbarijiet li juru indipendenza editorjali minn partiti politiċi, influwenza kummerċjali indebita u atturi ta' pajjiżi terzi, u li juru sorveljanza editorjali li tiżgura t-trasparenza, l-akkuratezza, il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, id-demokrazija Ewropea ffaċċjat sfidi bla preċedent, speċjalment f'pajjiżi li jiffurmaw il-fruntiera tal-Lvant tal-UE. Kif deskritt fit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-Istati Membri speċifiċi huma esposti b'mod partikolari għall-FIMI u d-diżinformazzjoni minħabba l-prossimità tagħhom mar-Russja u l-Belarussja jew huma fil-mira ta' tentattivi intensi ta' destabbilizzazzjoni u interferenza. Huwa meħtieġ appoġġ immirat biex tiġi żgurata r-reżiljenza demokratika tal-Unjoni.

Emenda 1007
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u ***l-konsum*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' ***materji tal-Unjoni***, ġurnaliżmu investigattiv, ***aħbarijiet lokali,*** u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u ***l-aċċessibbiltà*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali ***u ta' interess pubbliku, b'mod li jippromwovi d-diversità tas-sorsi u tal-fehmiet***, inkluż rappurtaġġi ta' ***aħbarijiet Ewropej, reġjonali u lokali***, ġurnaliżmu investigattiv, u ***forom oħra*** ta' ***ġurnaliżmu ta'*** interess pubbliku ***inkluż fl-ambjent diġitali filwaqt li tiġi promossa d-diversità tas-sorsi u tal-fehmiet***; ***il-promozzjoni ta' rappreżentanza ġusta u akkurata ta' gruppi esposti għal diskriminazzjoni strutturali, u l-ġlieda kontra l-istereotipi, id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni mmirati lejhom.***

Or. en

Emenda 1008
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u ***l-konsum*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, ***u l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u ***l-aċċessibbiltà*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali ***u ta' interess pubbliku, b'mod li jippromwovi d-diversità tas-sorsi u tal-fehmiet***, ***inklużi*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, ***verifika indipendenti tal-fatti, rapurtaġġi ta'*** aħbarijiet ***Ewropej, reġjonali,*** lokali ***u komunitarji***, ***kif ukoll forom oħra ta' media*** ta' interess pubbliku***, inkluż fl-ambjent diġitali***;

Or. en

Emenda 1009
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u ***l-konsum*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni,*** ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, ***u l-midja ta' interess pubbliku***;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u ***l-aċċessibbiltà*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali ***u ta' interess pubbliku***, ***b'mod li jippromwovi d-diversità tas-sorsi u tal-fehmiet, inklużi*** ġurnaliżmu investigattiv, ***rapurtaġġi ta'*** aħbarijiet ***Ewropej, reġjonali,*** lokali ***u komunitarji***, ***kif ukoll forom oħra ta' ġurnaliżmu indipendenti, inkluż fl-ambjent diġitali***;

Or. en

Emenda 1010
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni ***u l-konsum*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni***, l-aċċessibbiltà, il-konsum u l-arkivjar*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali ***u ta' interess pubbliku, b'mod li jippromwovi d-diversità tas-sorsi u tal-fehmiet***, ***inklużi*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, ***verifika indipendenti tal-fatti,*** aħbarijiet lokali, u ***l-media indipendenti*** ta' interess pubbliku;

Or. en

Emenda 1011
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-media*** ta' interess pubbliku***, kollha soġġetti għal finanzjament li jirrispetta bir-reqqa d-diversità tal-opinjonijiet politiċi***;

Or. fr

Emenda 1012
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali ***u reġjonali***, u ***l-media*** ta' interess pubbliku***, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ immirati lejn l-organizzazzjonijiet tal-media lokali u reġjonali***;

Or. hr

Emenda 1013
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni ***u l-konsum*** ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv***, ***aħbarijiet*** lokali***,*** u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni***, il-konsum u l-arkivjar*** ta' kontenut ġurnalistiku ***varjat*** professjonali ***u ta' interess pubbliku***, ***l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet reġjonali***, lokali u ***komunitarji, kif ukoll forom oħra ta' media*** ta' interess pubbliku***, ukoll fl-ambjent diġitali***;

Or. en

Emenda 1014
Laurence Farreng, Brigitte van den Berg, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni,	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inklużi*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni,

ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-media*** ta' interess pubbliku***, b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tad-deżerti tal-aħbarijiet***;

Or. en

Emenda 1015
Irena Joveva, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali ***u indipendenti***, ***inklużi*** rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-media*** ta' interess pubbliku;

Or. en

Emenda 1016
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni,*** ġurnaliżmu investigattiv***, aħbarijiet*** lokali, u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ġurnaliżmu investigattiv ***u l-appoġġ għall-kmamar tal-aħbarijiet reġjonali u*** lokali, u ***l-media*** ta' interess pubbliku;

Or. en

Emenda 1017

François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ***inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni,*** ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-midja*** ta' interess pubbliku;	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, ġurnaliżmu investigattiv, aħbarijiet lokali, u ***l-media*** ta' interess pubbliku;

Or. en

Emenda 1018
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni***,** ġurnaliżmu investigattiv***, aħbarijiet lokali, u l-midja ta' interess pubbliku***;*	(b) it-tisħiħ tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut ġurnalistiku professjonali ***u oġġettiv***, inkluż rappurtaġġi ta' materji tal-Unjoni ***u*** ġurnaliżmu investigattiv;

Or. fi

Emenda 1019
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***u għall-innovazzjoni*** tal-

aħbarijiet, prattiki innovattivi***, mudelli ġodda*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u ***t-taħriġ*** mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja tal-aħbarijiet***;

organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, ***u inizjattivi professjonali u ġurnalistiċi ta' interess pubbliku oħra ta' daqsijiet u ambitu ġeografiku diversi, inklużi*** prattiki innovattivi ***fil-mudelli*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju ***tal-aħbarijiet li jikkontribwixxu għal vijabbiltà u reżiljenza fit-tul***, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u ***l-appoġġ għat-taħriġ*** mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-ġurnaliżmu inklużi l-ħaddiema freelance***; ***filwaqt li jiġi żgurat aċċess inklużiv għat-taħriġ u jiġi promoss l-użu li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, affidabbli u responsabbli tal-għodod diġitali, inkluża l-intelliġenza artifiċjali;***

Or. en

Emenda 1020
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja tal-aħbarijiet***;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***u għall-innovazzjoni*** tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, ***u inizjattivi professjonali u ġurnalistiċi ta' interess pubbliku oħra ta' daqsijiet u ambitu ġeografiku diversi, inklużi*** prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-ġurnaliżmu***; ***filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess għat-taħriġ u jiġi promoss l-użu affidabbli u responsabbli tal-għodod diġitali, inkluża l-intelliġenza artifiċjali.***

Or. en

Emenda 1021
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, ***mudelli ġodda*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet***;***	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***u għall-innovazzjoni*** tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet ***professjonali ta' daqsijiet u ambitu ġeografiku diversi***, ***inklużi*** prattiki innovattivi ***fil-mudelli*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju ***tal-aħbarijiet***, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-SMEs,*** u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet ***filwaqt li jiġi żgurat aċċess inklużiv għat-taħriġ u jiġi promoss l-użu affidabbli u responsabbli tal-għodod diġitali.***

Or. en

Emenda 1022
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, ***mudelli ġodda*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***u għall-innovazzjoni*** tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet ***professjonali ta' daqsijiet u ambitu ġeografiku diversi***, ***inklużi*** prattiki innovattivi, ***fil-mudelli*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju ***tal-aħbarijiet***, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-

aħbarijiet;

fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet ***filwaqt li jiġi żgurat aċċess inklużiv għat-taħriġ u jiġi promoss l-użu affidabbli u responsabbli tal-għodod diġitali***;

Or. en

Emenda 1023
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, ***mudelli ġodda*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, ***l-iffaċilitar*** tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u ***t-taħriġ*** mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja tal-aħbarijiet***;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***u għall-innovazzjoni*** tal-organizzazzjonijiet ***tal-aħbarijiet, ta' daqsijiet u ambitu ġeografiku diversi b'attenzjoni partikolari għall-organizzazzjonijiet*** tal-aħbarijiet ***reġjonali u lokali***, prattiki innovattivi, ***fil-mudelli*** tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju ***tal-aħbarijiet***, ***inkluż permezz tal-iffaċilitar*** tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u ***l-appoġġ għat-taħriġ*** mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-ġurnaliżmu, inklużi l-ħaddiema freelance***;

Or. en

Emenda 1024
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-

aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet***, filwaqt li jiġi żgurat aċċess inklużiv għat-taħriġ u jiġi promoss l-użu li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, affidabbli u responsabbli tal-għodod diġitali, inkluża l-intelliġenza artifiċjali***;

Or. en

Emenda 1025
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet; ***se tingħata attenzjoni partikolari għat-trasformazzjoni diġitali tal-media lokali u reġjonali, inkluża l-applikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u għodod ta' intelliġenza artifiċjali;***

Or. hr

Emenda 1026
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***tal-organizzazzjonijiet*** tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-aħbarijiet***, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-kmamar tal-aħbarijiet reġjonali u lokali***, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju***, il-prominenza ta' informazzjoni affidabbli online***, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet;

Or. en

Emenda 1027
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri***, speċjalment proġetti li jrawmu l-kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet tal-media lokali u reġjonali minn Stati Membri differenti,*** u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet;

Or. hr

Emenda 1028
Alessandro Ciriani, Lara Magoni

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***tal-organizzazzjonijiet*** tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali ***tal-aħbarijiet, b'attenzjoni partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji u għall-organizzazzjonijiet reġjonali u lokali*** tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet;

Or. it

Emenda 1029
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi***, mingħajr ma dan l-aċċess jiġi kkundizzjonat għal direzzjoni editorjali speċifikata,*** u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet;

Or. fr

Emenda 1030
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet***, inkluż fis-settur tal-media tal-lingwi minoritarji***;

Or. en

Emenda 1031
Łukasz Kohut, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	(c) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet***, inkluż fis-settur tal-media tal-lingwi minoritarji***;

Or. en

Emenda 1032
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) l-appoġġ ***għat-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet, prattiki*** innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju***, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi*** u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-midja*** tal-aħbarijiet;	(c) l-appoġġ ***għall-prattiki*** innovattivi, mudelli ġodda tal-produzzjoni, tad-distribuzzjoni u tan-negozju u l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri u t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti ***tal-media*** tal-aħbarijiet;

Or. fi

Emenda 1033
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-appoġġ għal servizzi tranżnazzjonali tal-media ta' interess pubbliku li jipprovdu kontenut Ewropew affidabbli u multilingwi tal-aħbarijiet, tal-affarijiet kulturali u kurrenti, inkluż permezz tas-sottotitolar, tat-traduzzjoni u tad-disseminazzjoni online, meta l-benefiċjarju juri indipendenza editorjali, missjoni ta' servizz pubbliku Ewropew, kapaċità multilingwi u distribuzzjoni effettiva f'diversi Stati Membri u oqsma lingwistiċi;

Or. en

Emenda 1034
Irena Joveva, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-appoġġ għall-isforzi biex jiġu

indirizzati l-asimmetriji tas-suq sabiex jitrawmu kundizzjonijiet ekwi fil-konfront tal-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna, inkluż billi jiġi appoġġat l-użu responsabbli tal-għodod diġitali u tal-intelliġenza artifiċjali taħt is-sorveljanza tal-bniedem, l-aderenza mal-istandards etiċi, u l-mekkaniżmi jew l-oqfsa li jiggarantixxu remunerazzjoni ġusta għall-fornituri ta' servizzi tal-media u l-kontenut ġurnalistiku professjonali;

Or. en

Emenda 1035
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-kmamar tal-aħbarijiet, b'mod partikolari l-kmamar tal-aħbarijiet reġjonali, lokali u komunitarji, inkluż l-iffaċilitar tal-aċċess tagħhom għall-finanzi, l-appoġġ għall-media li topera bil-lingwi reġjonali u minoritarji u l-media tal-komunitajiet minoritarji u t-tishih tal-infrastruttura tal-media fil-livell lokali;

Or. en

Emenda 1036
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-kmamar tal-aħbarijiet billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi, inkluża l-media tal-

aħbarijiet lokali u l-appoġġ għall-media li topera bil-lingwi minoritarji u l-media tal-komunitajiet minoritarji u t-tisħiħ tal-infrastruttura tal-media fil-livell lokali;

Or. en

Emenda 1037
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-media tal-aħbarijiet lokali, inkluż billi tiġi appoġġata l-media li topera bil-lingwi minoritarji u l-media tal-komunitajiet minoritarji u t-tisħiħ tal-infrastruttura tal-media fil-livell lokali;

Or. en

Emenda 1038
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-promozzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà ekonomika ta' organizzazzjonijiet tal-media lokali u reġjonali indipendenti, speċjalment f'żoni rurali, remoti u mhux moqdijin biżżejjed;

Or. hr

Emenda 1039

Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-promozzjoni ta' proġetti u inizjattivi ġurnalistiċi kollaborattivi għall-iskambju ta' kontenut bejn l-organizzazzjonijiet tal-media lokali u reġjonali;

Or. hr

Emenda 1040
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) il-promozzjoni tal-istabbiliment u l-preżervazzjoni tal-ekosistemi tal-informazzjoni lokali, inkluż l-appoġġ għall-bidu tal-media, għall-media mingħajr skop ta' qligħ u għall-media tal-komunità;

Or. hr

Emenda 1041
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) l-iffaċilitar tal-aċċess għall-fondi tal-Unjoni għal organizzazzjonijiet tal-media żgħar u mikro permezz ta' rekwiżiti amministrattivi proporzjonati u mekkaniżmi ta' assistenza teknika;

Or. hr

Emenda 1042
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ce) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema għall-kejl tal-udjenzi tal-istazzjonijiet tar-radju lokali u reġjonali;

Or. hr

Emenda 1043
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ ***u s-salvagwardja*** tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut ***għal aktar reżiljenza*** fl-Unjoni;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ***, is-salvagwardja u t-tisħiħ*** tal-ispazju tal-informazzjoni online ***u tar-reżiljenza tas-settur tal-media tal-aħbarijiet***, inkluż ***l-appoġġ għall-monitoraġġ indipendenti, ir-riċerka, il-promozzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet, it-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet u fornituri oħra tas-servizzi tal-media ta' daqsijiet u ambitu ġeografiku diversi; l-appoġġ għal prattiki innovattivi fil-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-mudelli tan-negozju tal-aħbarijiet, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi, l-inkoraġġiment ta' attivitajiet transfruntieri, u l-appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-media, inklużi l-***

ħaddiema freelance; il-promozzjoni tal-ħidma relatata mat-trasparenza algoritmika, is-sistemi ta' rakkomandazzjoni, il-moderazzjoni tal-kontenut, is-swieq tar-reklamar online, u l-iskopribbiltà u l-prominenza dovuta ta' kontenut ġurnalistiku affidabbli, inklużi l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin; ***filwaqt li jiġi żgurat aċċess inklużiv għat-taħriġ u l-użu li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, affidabbli u responsabbli tal-għodod diġitali, inkluża l-intelliġenza artifiċjali***, u dan iservi ta' kontribut ***għall-vijabbiltà, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-media indipendenti*** fl-Unjoni***.***

Or. en

Emenda 1044
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, ***l-appoġġ għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni relatata mal-ambjent online, il-kontribut għall-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni ta' kontenut illegali u r-riskji sistemiċi online, il-promozzjoni tal-integrità u l-affidabbiltà tal-aħbarijiet u tal-informazzjoni, u l-indirizzar tal-impatt tal-ġestjoni algoritmika u tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni fuq l-aċċess taċ-***

ċittadini għal sorsi differenti u affidabbli ta' informazzjoni u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1045
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, ***inkluż l-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, ***filwaqt li tiġi protetta u promossa l-libertà tal-espressjoni, permezz ta' appoġġ għal attivitajiet ta' verifika tal-fatti u ta' verifika u l-identifikazzjoni, l-analiżi*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni; ***tali miżuri għandhom jappoġġaw il-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni ta', fost l-oħrajn, ġurnalisti, kmamar tal-aħbarijiet u organizzazzjonijiet tal-verifika tal-fatti;***

Or. en

Emenda 1046
Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-

monitoraġġ u s-salvagwardja ***tal-ispazju*** tal-informazzjoni online, ***inkluż*** l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza ***minn barranin***, u dan iservi ta' kontribut ***għal*** aktar reżiljenza fl-Unjoni;	monitoraġġ u s-salvagwardja ***ta' ekosistema*** tal-informazzjoni online ***sikura, robusta, vijabbli, indipendenti, diversa u demokratika***, ***inkluż*i** l-identifikazzjoni***, l-analiżi*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni***, bħad-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru u n-narrattivi kontra l-ġeneru,*** u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u dan iservi ta' kontribut ***għall-iżgurar ta'*** aktar reżiljenza ***demokratika*** fl-Unjoni***, speċjalment f'oqsma u komunitajiet li huma esposti b'mod partikolari għall-FIMI u d-diżinformazzjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, id-demokrazija Ewropea ffaċċjat sfidi bla preċedent, speċjalment f'pajjiżi li jiffurmaw il-fruntiera tal-Lvant tal-UE. Kif deskritt fit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-Istati Membri speċifiċi huma esposti b'mod partikolari għall-FIMI u d-diżinformazzjoni minħabba l-prossimità tagħhom mar-Russja u l-Belarussja jew huma fil-mira ta' tentattivi intensi ta' destabbilizzazzjoni u interferenza. Huwa meħtieġ appoġġ immirat biex tiġi żgurata r-reżiljenza demokratika tal-Unjoni.

Emenda 1047
Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni; ***l-inizjattivi ta' kommemorazzjoni Ewropea u l-litteriżmu storiku jistgħu jappoġġaw aktar ir-reżiljenza kontra l-manipulazzjoni tan-***

narrattivi storiċi u d-diżinformazzjoni fl-ispazju tal-informazzjoni diġitali;

Or. en

Emenda 1048
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba ***għall-monitoraġġ u s-salvagwardja*** tal-ispazju tal-informazzjoni online***, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u*** l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, ***u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni***;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri ***trasparenti, proporzjonati u legalment responsabbli*** maħsuba ***għas-salvagwardja*** tal-ispazju tal-informazzjoni online ***kontra*** l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, ***filwaqt li jiġu rispettati l-libertà tal-espressjoni, l-indipendenza editorjali tal-media, il-pluraliżmu politiku, l-espressjoni reliġjuża u d-dritt taċ-ċittadini li jirċievu u jagħtu informazzjoni u opinjonijiet mingħajr interferenza mill-awtorità pubblika***;

Or. en

Emenda 1049
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***l-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***permezz tal-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, ***filwaqt li jiġu rispettati l-***

aktar reżiljenza fl-Unjoni;	***pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali,*** u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1050
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***l-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***permezz tal-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, ***filwaqt li jiġu rispettati l-pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali,*** u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1051
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal

aktar reżiljenza fl-Unjoni;	aktar reżiljenza fl-Unjoni***, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-libertà tal-espressjoni, il-pluraliżmu tal-opinjoni u l-libertà tal-media***;

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri ma jridux iwasslu għal restrizzjonijiet fuq id-dibattitu pubbliku leġittimu jew il-pluraliżmu tal-opinjonijiet. L-emenda tiżgura bilanċ bejn ir-reżiljenza tal-ispazju tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali żgurati mill-Karta.

Emenda 1052
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***permezz tal-prevenzjoni,*** l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin ***u l-appoġġ għall-verifika indipendenti tal-fatti***, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1053
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ***u l-***	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni maħsuba

promozzjoni ta' miżuri maħsuba ***għall-monitoraġġ u s-salvagwardja*** tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra ***d-diżinformazzjoni u*** l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

għas-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza ***mill-Unjoni jew*** minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

Or. fr

Emenda 1054
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra ***d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni*** tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra ***l-propoganda minn stati ostili, kif ukoll il-manipulazzjoni*** tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni;

Or. fi

Emenda 1055
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***l-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni ***u l-manipulazzjoni tal-***	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***permezz tal-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni ***filwaqt li jiġu rispettati l-***

informazzjoni u l-interferenza minn barranin, ***u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza*** fl-Unjoni;	***pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali***, ***u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza*** fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 1056
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***l-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni ***u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u dan iservi ta' kontribut għal aktar reżiljenza fl-Unjoni***;	(d) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri maħsuba għall-monitoraġġ u s-salvagwardja tal-ispazju tal-informazzjoni online, inkluż ***permezz tal-identifikazzjoni*** u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni***, filwaqt li jiġu rispettati l-pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali***;

Or. en

Emenda 1057
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-kontribut għal industrija awdjoviżiva inklużiva billi jiġu żgurati l-parteċipazzjoni u l-aċċessibbiltà ta' persuni b'diżabbiltà u gruppi emarġinati oħra.

Or. en

Emenda 1058
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali ***u fil-midja*** biex iċ-ċittadini, ***inkluż*** iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu ***jużaw u*** jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali***, fil-media, fl-IA u fid-data*** biex iċ-ċittadini, ***inklużi t-tfal,*** iż-żgħażagħ, ***il-ġenituri, il-persuni akbar fl-età, l-edukaturi, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli,*** ikunu jistgħu jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni***, inklużi l-media sintetika, is-sistemi ta' rakkomandazzjoni, il-manipulazzjoni online, l-iscams, id-diskors ta' mibegħda, il-preġudizzju diskriminatorju, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin***;

Or. en

Emenda 1059
Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ***ta' attivitajiet*** tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja biex iċ-ċittadini, inkluż*** iż-żgħażagħ, ***ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema*** tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media, il-ħsieb kritiku, b'mod partikolari fost*** iż-żgħażagħ, ***l-anzjani, u l-gruppi vulnerabbli, bħala għodda biex tinftiehem aħjar l-ekosistema*** tal-informazzjoni ***u tiġi identifikata aħjar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni, u biex jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u stereotipi dannużi oħra u d-diżinformazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru online, speċjalment f'oqsma u komunitajiet li huma esposti b'mod partikolari għall-FIMI u d-***

dižinformazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja, id-demokrazija Ewropea ffaċċjat sfidi bla preċedent, speċjalment f'pajjiżi li jiffurmaw il-fruntiera tal-Lvant tal-UE. Kif deskritt fit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-Istati Membri speċifiċi huma esposti b'mod partikolari għall-FIMI u d-dižinformazzjoni minħabba l-prossimità tagħhom mar-Russja u l-Belarussja jew huma fil-mira ta' tentattivi intensi ta' destabbilizzazzjoni u interferenza. Huwa meħtieġ appoġġ immirat biex tiġi żgurata r-reżiljenza demokratika tal-Unjoni.

Emenda 1060
Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, ***inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu ***jużaw u*** jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini, ***inklużi ż-żgħażagħ***, ***il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-persuni akbar fl-età,*** ikunu jistgħu jiżviluppaw ***u jżommu, matul ħajjithom,*** moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni ***u l-ħiliet meħtieġa biex jaċċessaw, jivvalutaw, joħolqu u jinvolvu ruħhom mal-informazzjoni u l-media b'mod sikur, infurmat u responsabbli***;

Or. en

Emenda 1061
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw ***ħiliet kritiċi u*** moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni ***fl-ambjenti diġitali u l-kanali tal-media, jidentifikaw u jivvalutaw l-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni u jagħmlu għażliet infurmati***;

Or. en

Emenda 1062
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex ***iċ-ċittadini***, ***inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex ***il-persuni residenti fl-Unjoni***, ***fil-gruppi tal-etajiet kollha***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw ***ħiliet kritiċi u*** moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni ***fl-ambjenti diġitali u fil-kanali tal-media, u jidentifikaw u jivvalutaw l-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni***;

Or. en

Emenda 1063
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex ***iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu*** jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex ***il-persuni residenti fl-Unjoni ta' kull età jkunu*** jistgħu jużaw u jiżviluppaw ***ħsieb kritiku u*** moħħ kritiku tal-ekosistema tal-

informazzjoni ***fl-ambjenti diġitali u fil-kanali tal-media, u jidentifikaw u jivvalutaw l-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni***;

Or. en

Emenda 1064
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex ***iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex ***il-persuni residenti fl-Unjoni ta' kull età***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw ***ħsieb kritiku u*** moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni ***fl-ambjenti diġitali u fil-kanali tal-media, u jidentifikaw u jivvalutaw l-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni***;

Or. en

Emenda 1065
Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini ***fil-gruppi tal-etajiet kollha***, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni***, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, l-użu u l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali***;

Or. it

Emenda 1066
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, ***inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini ***ta' kull età***, ***minn età żgħira***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni***, inkluża l-kapaċità li jirrikonoxxu b'mod kritiku r-rwol u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali***;

Or. en

Emenda 1067
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, ***inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini, ***inklużi ż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni***, inkluż permezz ta' inizjattivi ta' litteriżmu fil-media aċċessibbli u lingwistikament diversi***;

Or. en

Emenda 1068
Łukasz Kohut, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, ***inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini, ***inklużi ż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni***, inkluż permezz ta' inizjattivi ta' litteriżmu fil-media aċċessibbli u lingwistikament diversi***;

Or. en

Emenda 1069
Sunčana Glavak

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni***, bl-involviment attiv tal-organizzazzjonijiet tal-media lokali u reġjonali***;

Or. hr

Emenda 1070
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Laurence Farreng, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Hristo Petrov, Dainius Žalimas, Hilde Vautmans, Bernard Guetta

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, ***inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini, ***inklużi ż-żgħażagħ u ċ-ċittadini akbar fl-età***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni ***u ta' kif il-pjattaformi online jsawru d-dibattitu pubbliku***;

Or. en

Emenda 1071
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini***, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu*** jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini ***kollha jkunu*** jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni***, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ u tal-gruppi vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 1072
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, ***inkluż iż-żgħażagħ***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini ***kollha***, ***inkluži gruppi żgħażagħ, anzjani u gruppi vulnerabbli oħra***, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw ***ħiliet kritiċi u*** moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;

Or. en

Emenda 1073
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***il-promozzjoni ta'*** attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) ***it-tħeġġiġ lill-Istati Membri biex jippromwovu*** attivitajiet tal-litteriżmu diġitali u ***fil-media*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;

Or. fi

Emenda 1074
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet ***tal-litteriżmu diġitali*** u ***fil-midja*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;	(e) il-promozzjoni ta' attivitajiet ***tat-tagħlim tal-media*** u ***tal-istrumenti diġitali*** biex iċ-ċittadini, inkluż iż-żgħażagħ, ikunu jistgħu jużaw u jiżviluppaw moħħ kritiku tal-ekosistema tal-informazzjoni;

Or. fr

Emenda 1075
Fredis Beleris

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ea) l-iżgurar tal-vijabbiltà tal-media lokali u reġjonali, speċjalment f'reġjuni periferiċi, insulari u tal-fruntiera, li jagħmilha aktar faċli għalihom li jaċċessaw il-finanzjament u jsaħħu l-infrastruttura tal-media lokalment;

Or. el

Emenda 1076
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-kmamar tal-aħbarijiet billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi, inkluża l-media tal-aħbarijiet lokali, u l-appoġġ għall-media li topera bil-lingwi minoritarji u l-media tal-komunitajiet minoritarji, u t-tisħiħ tal-infrastruttura tal-media fil-livell lokali.

Or. en

Emenda 1077
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u fil-media, il-ħsieb kritiku u s-sikurezza online għall-minorenni, inkluż permezz ta' appoġġ għall-ġenituri, l-edukaturi u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 1078
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni, inkluż billi titwieżen ***il-ħidma tal-Bord*** Ewropew għas-Servizzi ***tal-Midja***.	(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni ***rilevanti għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media***, inkluż ***permezz ta' attivitajiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media), b'mod partikolari*** billi titwieżen ***il-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż il-Bord*** Ewropew għas-Servizzi ***tal-Media***.

Or. en

Emenda 1079
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tisħiħ ***tad-djalogu ta' politika***, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni***, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Midja.***	(f) ***il-kontribut għall-iżgurar tal-funzjonament xieraq u l-protezzjoni u l-promozzjoni ta' ekosistema tal-informazzjoni sikura, vijabbli, indipendenti u diversa, inkluż permezz tal-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-indirizzar tar-riskji għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fis-suq intern,*** it-tisħiħ ***tal-politika u tad-djalogu***, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards ***u għodod*** komuni***;***

Or. en

Emenda 1080
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni, inkluż ***billi titwieżen il-ħidma*** tal-Bord Ewropew għas-Servizzi ***tal-Midja***.	(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni, ***rilevanti għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media,*** inkluż ***permezz ta' appoġġ għall-kooperazzjoni u l-attivitajiet li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-ħidma*** tal-Bord Ewropew għas-Servizzi ***tal-Media***.

Or. en

Emenda 1081
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data***, u l-iżvilupp ta' standards komuni, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Midja***.	(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data.

Or. fr

Emenda 1082
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi ***tal-Midja***.	(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u l-iżvilupp ta' standards komuni ***rilevanti għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media***, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi ***tal-Media***.

Or. en

Emenda 1083
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u ***l-iżvilupp ta' standards komuni***, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi ***tal-Midja***.	(f) it-tisħiħ tad-djalogu ta' politika, il-ġbir u l-analiżi tad-data, u ***l-kondiviżjoni ta' prattika tajba***, inkluż billi titwieżen il-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi ***tal-Media***.

Or. fi

Emenda 1084
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-appoġġ għar-riċerka indipendenti, il-monitoraġġ, il-promozzjoni, l-iskrutinju ta' interess pubbliku u l-kooperazzjoni transfruntiera relatati mal-governanza tal-pjattaformi, it-trasparenza algoritmika, is-sistemi ta' rakkomandazzjoni, is-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut, is-swieq tar-

reklamar online, il-pluraliżmu tal-media u l-iskopribbiltà u l-prominenza dovuta ta' kontenut ġurnalistiku affidabbli.

Or. en

Emenda 1085
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) it-tisħiħ tal-ekosistema professjonali għall-ġurnaliżmu billi jiġi appoġġat ambjent abilitanti, inklużi inizjattivi konġunti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex jiġu promossi standards professjonali għoljin, indipendenza editorjali, l-aċċess għat-taħriġ, is-sikurezza u l-protezzjoni legali, u kundizzjonijiet tax-xogħol sostenibbli għall-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media;

Or. en

Emenda 1086
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) it-tisħiħ tal-ekosistema professjonali għall-ġurnaliżmu billi jiġi appoġġat l-ambjent abilitanti, inklużi inizjattivi konġunti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, bil-ħsieb li jiġu promossi standards professjonali, l-aċċess għat-taħriġ u r-riżorsi ta' sikurezza u kundizzjonijiet li jwasslu għall-

indipendenza editorjali u l-prattika professjonali sostenibbli;

Or. en

Emenda 1087
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) it-tisħiħ tal-ekosistema professjonali għall-ġurnaliżmu billi jiġi appoġġat l-ambjent abilitanti, inkluż inizjattivi konġunti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, bil-ħsieb li jiġu promossi standards professjonali, l-aċċess għat-taħriġ u riżorsi tas-sikurezza u kundizzjonijiet li jwasslu għall-indipendenza editorjali;

Or. en

Emenda 1088
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kollaborazzjonijiet u n-networks transfruntieri tal-ġurnaliżmu investigattiv biex is-setgħa tinżamm responsabbli, jinkixef theddid sistemiku għall-Unjoni, u jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 1089

Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) l-appoġġ u l-espansjoni, fejn applikabbli, tal-ġurnaliżmu investigattiv transfruntier, tal-kollaborazzjonijiet u tan-networks biex is-setgħa tinżamm responsabbli, jinkixef theddid sistemiku għall-Unjoni, u jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 1090
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) l-appoġġ tal-ekosistema professjonali għall-ġurnaliżmu permezz ta' inizjattivi li jippromwovu l-istandards professjonali, l-indipendenza editorjali, it-taħriġ, is-sikurezza, il-kooperazzjoni transfruntiera u l-prattika professjonali sostenibbli;

Or. en

Emenda 1091
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) l-appoġġ u l-espansjoni tal-kollaborazzjonijiet u n-networks transfruntieri tal-ġurnaliżmu investigattiv biex is-setgħa tinżamm responsabbli, jinkixef theddid sistemiku għall-Unjoni, u jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt.

Or. en

Emenda 1092
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) l-appoġġ għal inizjattivi mmirati lejn it-titjib tal-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-iskopribbiltà u l-prominenza dovuta ta' kontenut ġurnalistiku indipendenti, affidabbli u prodott professjonalment, b'mod partikolari f'ambjenti diġitali msawra minn pjattaformi online u sistemi ta' rakkomandazzjoni.

Or. en

Emenda 1093
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fd) it-tisħiħ tal-ekosistema professjonali għall-ġurnaliżmu billi jiġi appoġġat l-ambjent abilitanti għall-

ġurnaliżmu indipendenti, inklużi inizjattivi konġunti mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, attivitajiet li jippromwovu standards professjonali, aċċess għal riżorsi ta' taħriġ u sikurezza, indipendenza editorjali u prattika professjonali sostenibbli;

Or. en

Emenda 1094
Mario Furore

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ***ssir b'rispett sħiħ lejn*** l-indipendenza editorjali ***tal-midja*** u l-istandards ***professjonali***.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ***titfassal u tiġi implimentata b'mod li jissalvagwardja*** l-indipendenza editorjali u ***li ma jfixkilx id-deċiżjonijiet editorjali. Il-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu ta' dan l-objettiv għandu jingħata u jiġi implimentat b'rispett sħiħ tal-indipendenza ġurnalistika, l-integrità professjonali u*** l-istandards ***etiċi u għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dritt tar-riċevituri tas-servizzi tal-media li jkollhom aċċess għal pluralità ta' kontenut tal-media editorjalment indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** ***L-appoġġ tal-Unjoni għandu jkun limitat għal azzjonijiet li jirrispettaw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, sikuri u indipendenti, inkluża remunerazzjoni adegwata, trasparenti u mhux diskriminatorja, f'konformità mad-dritt u l-prattika applikabbli tal-Unjoni.*** ***L-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-produzzjoni jew it-tixrid ta' kontenut ġurnalistiku għandu jibqa' taħt kontroll u responsabbiltà editorjali effettivi tal-***

bniedem u ma għandux jippreġudika l-istandards ġurnalistiċi, l-etika jew l-integrità editorjali. Meta jsir disponibbli kontenut iġġenerat mill-IA jew immanipulat bl-IA, l-użu tiegħu għandu jkun trasparenti u ddivulgat b'mod xieraq.

L-għodod tal-intelliġenza artifiċjali għandhom jappoġġaw, u mhux jissostitwixxu, ix-xogħol ġurnalistiku oriġinali bħala l-bażi primarja għall-produzzjoni tal-aħbarijiet. L-użu tagħhom għandu jkun konsistenti mad-Direttiva (UE) 2019/790, inkluż l-obbligu li tiġi rispettata kwalunkwe riżerva espressa ta' drittijiet skont l-Artikolu 4 dwar l-estrazzjoni tat-test u tad-data, u mal-Artikolu 15 tagħha li jissalvagwardja d-drittijiet relatati tal-pubblikaturi tal-istampa.

Or. en

Emenda 1095
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "***Aħbarijiet***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-midja*** u l-istandards professjonali.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "***Media tal-aħbarijiet u ġurnaliżmu***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-media*** u l-istandards professjonali ***u għandha titfassal u tiġi implimentata b'mod li jissalvagwardja l-indipendenza editorjali u ma għandhiex tintuża biex tinfluwenza d-deċiżjonijiet editorjali. Il-finanzjament tal-Unjoni fl-ambitu ta' dan l-objettiv għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti mal-integrità professjonali u l-istandards fil-ġurnaliżmu.***

Or. en

Emenda 1096
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-midja*** u l-istandards professjonali.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet ***u Ġurnaliżmu***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-media*** u l-istandards professjonali. ***Din għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-professjonisti tal-ġurnaliżmu. Għal dan l-għan, l-appoġġ għandu jingħata esklużivament għal attivitajiet li jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri, kif ukoll remunerazzjoni ġusta u mhux diskriminatorja.***

Or. en

Emenda 1097
Irena Joveva, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir ***b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza*** editorjali ***tal-midja*** u l-istandards professjonali.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir ***biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-indipendenza*** editorjali ***tal-media, il-pluraliżmu tal-media,*** u l-istandards ***ġurnalistiċi*** professjonali***, ħielsa minn interessi governattivi, politiċi, ekonomiċi jew privati, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1083***.

Or. en

Emenda 1098
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-midja u l-istandards*** professjonali.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-media***, ***il-ġurnaliżmu oġġettiv u standards*** professjonali ***oħra***.

Or. fi

Emenda 1099
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-midja u*** l-istandards professjonali.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-midja,*** l-istandards professjonali***, u l-pluralità tal-opinjonijiet***.

Or. sk

Emenda 1100
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-midja*** u l-istandards professjonali.	L-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn ***il-pluraliżmu u*** l-indipendenza editorjali ***tal-media*** u l-istandards professjonali.

Or. fr

Emenda 1101
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-implimentazzjoni ***tal-objettiv speċifiku*** "***Aħbarijiet***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-midja*** u l-istandards professjonali.	L-implimentazzjoni ***tas-subfergħa*** "***Media tal-Aħbarijiet***" għandha ssir b'rispett sħiħ lejn l-indipendenza editorjali ***tal-media*** u l-istandards professjonali.

Or. en

Emenda 1102
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jintużaw għodod tal-intelliġenza artifiċjali fil-produzzjoni u t-tixrid ta' kontenut ġurnalistiku, dawn għandhom jibqgħu subordinati għas-sorveljanza u r-responsabbiltà editorjali tal-bniedem, u ma għandhomx jimminaw l-istandards, l-etika jew l-integrità ġurnalistiċi. L-użu ta' dawk l-għodod għandu jkun soġġett għal trasparenza sħiħa, inkluża d-divulgazzjoni ta' kontenut iġġenerat mill-IA jew mibdul bl-IA, u ma għandux jissostitwixxi x-xogħol ġurnalistiku oriġinali bħala s-sors primarju ta' informazzjoni u għandu jikkonforma mad-Direttiva (UE) 2019/790, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha, dwar l-obbligu li tiġi rispettata kwalunkwe riżerva espressa ta' drittijiet (nonpartečipazzjoni) mid-detenturi tad-drittijiet biex jiġi żgurat li l-kontenut

ġurnalistiku ma jintużax għall-estrazzjoni tat-test u tad-data jew għat-taħriġ fl-IA meta tali drittijiet ikunu ġew espressament riżervati mid-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati, u l-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva biex jiġi żgurat li d-drittijiet relatati tal-pubblikaturi tal-istampa jiġu ppreżervati.

Or. en

Emenda 1103
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu indirizzati b'appoġġ għall-produzzjoni, it-tixrid, l-aċċessibbiltà, l-iskopribbiltà u l-prominenza tal-kontenut ġurnalistiku indipendenti u tal-media tal-aħbarijiet ta' interess pubbliku, kif ukoll b'appoġġ għall-aċċess għal informazzjoni affidabbli u pluralistika, b'mod partikolari online, bl-objettiv li jintlaħqu udjenzi diversi fl-Unjoni u lil hinn minnha, jissaħħu l-pluraliżmu u r-reżiljenza tal-media, isir adattament għall-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, u jingħata kontribut għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1083 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media).

Or. en

Emenda 1104
Diana Riba i Giner

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-appoġġ fi ħdan l-objettiv speċifiku Aħbarijiet u Ġurnaliżmu għandu jiġi ristrett aktar għal xogħlijiet u prestazzjonijiet ibbażati fuq kontribut uman kreattiv sostanzjali u identifikabbli. Meta l-għodod tal-intelliġenza artifiċjali jintużaw f'kapaċità awżiljarja, dawn għandhom iservu biex itejbu l-kreattività tal-bniedem, jintużaw bi trasparenza shiħa u jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1105
Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-azzjonijiet li permezz tagħhom għandhom jintlaħqu l-prijoritajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinsabu fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 1106
Emma Rafowicz, Alice Kuhnke

Proposta għal regolament
Kapitolu IIIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	IIIa Kapitolu IIIa Fergħa Informazzjoni u Ġurnaliżmu
	Artikolu 6 Ekosistema Demokratika tal-

Aħbarijiet

Fil-fergħa "Informazzjoni u Ġurnaliżmu", l-objettiv speċifiku tal-"Ekosistema Demokratika tal-Aħbarijiet" għandu jiffoka fuq:

(a) il-protezzjoni u l-appoġġ għall-kmamar tal-aħbarijiet, il-ġurnalisti, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment meta jiffaċċjaw theddid, prekarjetà ekonomika, sorveljanza, fastidju jew vjolenza, inkluż online, filwaqt li jiġi żgurat ambjent abilitanti għalihom biex joperaw b'mod indipendenti, liberu, sikur u effettiv;

(b) il-promozzjoni ta' mekkaniżmi li jissalvagwardjaw l-istandards ġurnalistiċi u editorjali u l-indipendenza editorjali; l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-ġurnalisti, inklużi l-korpi awtoregolatorji;

c) l-appoġġ għall-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-aċċessibbiltà ta' kontenut ġurnalistiku prodott f'konformità mal-istandards professjonali Ewropej u internazzjonali, inklużi r-rapurtaġġi ta' aħbarijiet indipendenti Ewropej, reġjonali u lokali, b'mod partikolari f'oqsma b'aċċess limitat għal rapurtaġġi tal-aħbarijiet indipendenti, ġurnaliżmu investigattiv, verifika indipendenti tal-fatti, l-għoti ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku, u attivitajiet transfruntieri mmirati lejn it-tisħiħ tal-prominenza, l-iskopribbiltà u l-aċċessibbiltà ta' tali kontenut, il-kooperazzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet, dment li l-kontenut appoġġat jiġi prodott minn kmamar tal-aħbarijiet li juru indipendenza editorjali minn partiti politiċi, influwenza kummerċjali indebita u atturi ta' pajjiżi terzi, u li juru sorveljanza editorjali li tiżgura t-trasparenza, l-akkuratezza, il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont;

(d) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-kmamar tal-aħbarijiet u s-

salvagwardja tas-sostenibbiltà, il-kompetittività u l-innovazzjoni tagħhom fis-suq tal-media diġitali, inkluż permezz ta' prattiki innovattivi, għodod teknoloġiċi u infrastruttura diġitali, metodi ġodda għad-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, l-iżvilupp ta' mudelli tan-negozju innovattivi, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u l-opportunitajiet ta' taħriġ għall-professjonisti tal-media tal-aħbarijiet;

(e) l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-media tal-aħbarijiet lokali, inkluż permezz tal-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi, l-appoġġ għall-media li topera bil-lingwi minoritarji u l-media tal-komunitajiet minoritarji u t-tisħiħ tal-infrastruttura tal-media fil-livell lokali;

(f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri mmirati għall-monitoraġġ u s-salvagwardja ta' ekosistema tal-informazzjoni online sikura, robusta, vijabbli, indipendenti, varjata u demokratika, inklużi l-identifikazzjoni, l-analiżi u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, bħad-diżinformazzjoni abbażi tal-ġeneru u n-narrattivi kontra l-ġeneru, u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u b'hekk jikkontribwixxu biex tiġi żgurata reżiljenza demokratika akbar fl-Unjoni;

(g) il-kontribut għall-iżgurar tal-funzjonament xieraq u l-protezzjoni u l-promozzjoni ta' ekosistema tal-informazzjoni sikura, vijabbli, indipendenti u varjata, inkluż permezz tal-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-indirizzar tar-riskji għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fis-suq intern, it-tisħiħ tal-politika u d-djalogu, il-ġbir u l-analiżi tad-data u l-iżvilupp ta' standards u għodod komuni, inkluż permezz tal-appoġġ għall-ħidma tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media;

(h) il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u fil-media, il-ħsieb kritiku, b'mod

partikolari fost iż-żgħażagħ, l-anzjani, u l-gruppi vulnerabbli, bħala għodda biex tinftiehem aħjar l-ekosistema tal-informazzjoni u tiġi identifikata aħjar il-manipulazzjoni tal-informazzjoni, u biex jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u stereotipi dannużi oħra u d-diżinformazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru online. L-implimentazzjoni tal-fergħa "Informazzjoni u Ġurnaliżmu" għandha titwettaq b'rispett sħiħ għall-indipendenza editorjali u l-istandards professjonali u għandha tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dritt tar-riċevituri tas-servizzi tal-media li jkollhom aċċess għal pluralità ta' kontenut tal-media editorjalment indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1a. Għal dak l-għan, l-appoġġ għandu jingħata esklużivament għal attivitajiet li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, sikuri u indipendenti, flimkien ma' remunerazzjoni adegwata, trasparenti u mhux diskriminatorja, f'konformità mal-liġi u l-prattika applikabbli tal-Unjoni.

Meta jintużaw għodod tal-intelliġenza artifiċjali fil-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' kontenut ġurnalistiku, dawn għandhom jibqgħu subordinati għas-sorveljanza u r-responsabbiltà editorjali tal-bniedem, ir-rieżami mill-bniedem jew il-kontroll editorjali kif ukoll ir-responsabbiltà editorjali ta' persuna fiżika jew ġuridika u ma għandhomx jimminaw l-istandards, l-etika jew l-integrità ġurnalistiċi.

L-użu ta' dawk l-għodod għandu jkun soġġett għal trasparenza sħiħa, inkluża d-divulgazzjoni ta' kontenut iġġenerat mill-IA jew mibdul bl-IA, u ma għandux jissostitwixxi x-xogħol ġurnalistiku oriġinali bħala s-sors primarju ta' informazzjoni u għandu jikkonforma mad-Direttiva (UE) 2019/790, b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha, dwar l-obbligu li tiġi rispettata kwalunkwe

riżerva espressa ta' drittijiet (nonparteċipazzjoni) mid-detenturi tad-drittijiet biex jiġi żgurat li l-kontenut ġurnalistiku ma jintużax għall-estrazzjoni tat-test u tad-data jew għat-taħriġ fl-IA meta tali drittijiet ikunu ġew espressament riżervati mid-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati, u l-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva biex jiġi żgurat li d-drittijiet relatati tal-pubblikaturi tal-istampa jiġu ppreżervati.

Or. en

Emenda 1107
Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Kapitolu IIIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	IIIa Il-fergħa tal-Informazzjoni u l-Ġurnaliżmu
	Artikolu 6
	Ekosistema Demokratika tal-Aħbarijiet
	Fil-fergħa "Informazzjoni u Ġurnaliżmu", l-objettiv speċifiku tal-"Ekosistema Demokratika tal-Aħbarijiet" għandu jiffoka fuq:
	(c) l-appoġġ għall-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-aċċessibbiltà ta' kontenut ġurnalistiku prodott f'konformità mal-istandards professjonali Ewropej u internazzjonali, inkluż ir-rappurtaġġi ta' aħbarijiet indipendenti Ewropej, reġjonali u lokali b'mod li jippromwovi d-diversità tas-sorsi u tal-fehmiet, b'mod partikolari f'oqsma b'aċċess limitat għal rappurtaġġi tal-aħbarijiet indipendenti, ġurnaliżmu investigattiv, l-għoti ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku, u meta applikabbli, l-iffaċilitar ta' attivitajiet transfruntiera mmirati lejn it-

tisħiħ tal-prominenza, l-iskopribbiltà u l-aċċessibbiltà ta' tali kontenut, il-kooperazzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet, dment li l-kontenut appoġġat jiġi prodott minn kmamar tal-aħbarijiet li juru indipendenza editorjali minn partiti politiċi, influwenza kummerċjali indebita u atturi ta' pajjiżi terzi, u li juru sorveljanza editorjali li tiżgura t-trasparenza, l-akkuratezza, il-ġustizzja u l-obbligu ta' rendikont;

(d) l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali u l-innovazzjoni tal-kmamar tal-aħbarijiet u inizjattivi ġurnalistiċi professjonali u ta' interess pubbliku oħra ta' daqsijiet u ambitu ġeografiku diversi u s-salvagwardja tas-sostenibbiltà, il-kompetittività u l-innovazzjoni tagħhom fis-suq tal-media diġitali, inkluż permezz ta' prattiki innovattivi, għodod teknoloġiċi u infrastruttura diġitali, metodi ġodda għad-distribuzzjoni tal-aħbarijiet, l-iżvilupp ta' mudelli tan-negozju innovattivi, it-titjib tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u l-opportunitajiet ta' taħriġ għall-professjonisti tal-media tal-aħbarijiet;

meta jintużaw għodod tal-intelliġenza artifiċjali fil-produzzjoni u t-tixrid ta' kontenut ġurnalistiku, dawn għandhom jibqgħu subordinati għar-rieżami mill-bniedem jew għall-kontroll editorjali kif ukoll għar-responsabbiltà editorjali miżmuma minn persuna fiżika jew ġuridika, u ma għandhomx jimminaw l-istandards, l-etika jew l-integrità ġurnalistiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata aktar ċarezza għas-segretarjat u r-Rapporteurs, huma inklużi biss il-punti proposti għall-emenda. Il-punti li tħallew barra ma jiġux immodifikati u jibqgħu l-istess bħal fl-abbozz ta' rapport propost mill-korapporteurs.

Emenda 1108
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Kapitolu IV – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
IV Il-fergħa "CERV+"	IV Il-fergħa "CERV+"

Or. fr

Emenda 1109
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Mathilde Androuët, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Drittijiet, ugwaljanza, ***ċittadini*** u ***soċjetà ċivili***	***Ċittadini***, ugwaljanza, ***drittijiet*** u ***valuri***

Or. fr

Emenda 1110
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa "CERV+", l-objettiv speċifiku "***Drittijiet***, Ugwaljanza, ***Ċittadini*** u ***Soċjetà Ċivili***" għandu jiffoka fuq:	Fil-fergħa "CERV+", l-objettiv speċifiku "***Ċittadini***, Ugwaljanza, ***Drittijiet*** u ***Valuri***" għandu jiffoka fuq:

Or. fr

Emenda 1111
Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-fergħa "CERV+", ***l-objettiv speċifiku*** "Drittijiet, Ugwaljanza, Ċittadini u Soċjetà Ċivili" ***għandu jiffoka*** fuq:	Fil-fergħa "CERV+", ***il-fergħa*** "Drittijiet, Ugwaljanza, Ċittadini u Soċjetà Ċivili" ***għandha tiffoka*** fuq:

Or. en

Emenda 1112
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***abbażi tas-sess***, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, ***u l-forom*** kollha ta' razziżmu u intolleranza;	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***l-inugwaljanzi u*** d-diskriminazzjoni, ***inklużi l-inugwaljanzi strutturali u intersezzjonali u d-diskriminazzjoni, għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 21 tal-Karta, inklużi*** l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, ***kif ukoll il-ġeneru u l-identità tal-ġeneru, u l-ġlieda kontra l-forom*** kollha ta' razziżmu***, antiżingariżmu, ksenofobija*** u intolleranza***, inklużi l-omofobija, il-lesbofobija, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija, kif ukoll id-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali kontra r-Rom, kemm online kif ukoll offline***;

Or. en

Emenda 1113
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini ***razzjali jew*** etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza;	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, ***ir-rispett tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 21 tal-Karta,*** u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ***ir-razza, il-kulur,*** l-oriġini etnika ***jew soċjali***, ***il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa***, ir-reliġjon jew it-twemmin***, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid***, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza***, inkluż abbażi tal-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru kif ukoll id-diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali***;

Or. en

Emenda 1114
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***abbażi tas-sess***, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, ***u l-forom*** kollha ta' razziżmu u intolleranza;	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***l-inugwaljanzi u*** d-diskriminazzjoni, ***inkluża d-diskriminazzjoni strutturali u inteserzzjonali, għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 21 tal-Karta, inklużi*** l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, ***kif ukoll il-ġeneru u l-identità tal-ġeneru, u l-ġlieda kontra l-forom*** kollha ta' razziżmu u intolleranza ***inklużi l-ksenofobija relatata mal-antiżingariżmu, l-omofobija, it-transfobija, l-interfobija u l-intolleranza abbażi tal-identità tal-ġeneru***;

Or. en

Emenda 1115
Paolo Inselvini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u*** l-forom kollha ta' ***razziżmu u intolleranza***;	a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' ***diskriminazzjoni, f'konformità mat-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-ġlieda kontra r-razziżmu, l-intolleranza u l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza, inkluż il-fenomeni tal-Kristjanofobija u l-mibegħda anti-Kristjana***;

Or. it

Emenda 1116
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ***abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza***;	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 1117

Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Mathilde Androuët, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza***;	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni minn perspettiva universali***;

Or. fr

Emenda 1118
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza***, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu u intolleranza***;	(a) il-promozzjoni ***tat-tisħiħ fl-Unjoni ta' kulturi mhux ugwali minn barra l-Ewropa li jheddu l-kunċett Ewropew*** tal-ugwaljanza;

Or. fi

Emenda 1119
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-

prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu ***u*** intolleranza;	prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu***,*** intolleranza ***u mibegħda, inklużi l-antisemitiżmu, il-mibegħda anti-Musulmana u anti-Kristjana***;

Or. en

Emenda 1120
Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu ***u*** intolleranza;	(a) il-promozzjoni tal-ugwaljanza, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-forom kollha ta' razziżmu***,*** intolleranza ***u mibegħda, inklużi l-kristjanofobija u l-antisemitiżmu***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Programm impenjat lejn in-nondiskriminazzjoni jrid jindirizza l-ostilità lejn il-komunitajiet reliġjużi ewlenin kollha b'mod ugwali.

Emenda 1121
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-protezzjoni ta' spazju ċiviku

demokratiku li jissalvagwardja u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta, u t-tishih tar-reżiljenza tiegħu, l-iżgurar tal-preparatezza fl-ispazju ċiviku biex jirrispondi immedjatament u jiġġieled l-attakki u t-theddid minn atturi li jfittxu li jimminaw il-valuri tal-Unjoni sabiex l-atturi tal-ispazju ċiviku jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom mingħajr xkiel, u billi jiġu appoġġati inizjattivi li għandhom l-għan li jippromwovu t-trasparenza tal-ġestjoni tal-kontenut algoritmiku, il-ġlieda kontra l-informazzjoni u l-manipulazzjoni algoritmika fuq il-pjattaformi diġitali u l-media soċjali;

Or. en

Emenda 1122
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-promozzjoni ta' azzjonijiet immirati lejn it-tishih tar-reżiljenza tas-soċjetà, il-litteriżmu fil-media, l-integrità tal-informazzjoni, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, jew sfidi relatati oħra għandhom jikkomplementaw, u ma għandhomx jissostitwixxu jew inaqqsu, l-appoġġ għad-drittijiet fundamentali, l-ugwaljanza, il-parteċipazzjoni demokratika, l-involviment ċiviku, il-bini tal-paċi u l-protezzjoni tal-ispazju ċiviku;

Or. en

Emenda 1123

Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ab (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-protezzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' atturi rilevanti oħra minn kawżi SLAPP, is-sorveljanza, il-fastidju jew il-prekarjetà ekonomika, b'mod partikolari f'kuntesti ta' riskji akbar u sistemiċi għad-drittijiet fundamentali u għall-Istat tad-Dritt, u l-appoġġ għal inizjattivi li jikkontribwixxu għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet fundamentali u għall-Istat tad-Dritt inkluż billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għar-riżorsi tas-sikurezza u l-appoġġ u t-taħriġ ta' emerġenza u psikosoċjali (online/diġitali, fiżiċi u psikoloġiċi).

Or. en

Emenda 1124
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;	(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa***, inkluż l-aċċess ugwali tan-nisa u tal-bniet għall-parteċipazzjoni kulturali, il-litteriżmu fil-media u fl-IA, il-ħiliet diġitali, it-tmexxija, l-intraprenditorija kulturali, il-parteċipazzjoni ċivika u spazji pubbliċi u online sikuri, b'attenzjoni partikolari għan-nisa li jiffaċċjaw diversi forom ta'***

żvantaġġ, inklużi l-ommijiet żgħażagħ, in-nisa b'responsabbiltajiet ta' kura, in-nisa b'diżabbiltà, in-nisa u l-bniet Rom, u n-nisa li jgħixu f'żoni rurali jew żvantaġġati;

Or. en

Emenda 1125
Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa***;	(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza ***sħiħa*** bejn il-ġeneri;

Or. en

Emenda 1126
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa,*** u l-protezzjoni ***u l-promozzjoni*** tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet ***tan-nisa***;	(b) il-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet ***miċ-ċittadini kollha***;

Or. fi

Emenda 1127
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;	(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa***, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati***;

Or. en

Emenda 1128
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri*** u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;	(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn ***l-irġiel u n-nisa*** u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' "integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri" ma jikkostitwix objettiv ta' programm awtonomu stabbilit mit-Trattati. Il-programm għandu jiffoka fuq il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa.

Emenda 1129
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn	(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn

il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;	***l-irġiel u n-nisa***, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;

Or. en

Emenda 1130
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ***l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u t-tisħiħ*** tal-pożizzjoni tan-nisa, ***u l-protezzjoni*** u ***l-promozzjoni*** tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;	(b) il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ***it-tisħiħ*** tal-pożizzjoni tan-nisa, ***il-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa*** u ***l-possibbiltà*** tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa;

Or. fr

Emenda 1131
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-appoġġ għall-implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;	(c) il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, ***billi tingħata prijorità lill-azzjonijiet konkreti tal-aċċessibbiltà, tal-appoġġ u tal-inklużjoni fil-ħajja ta' kuljum,*** l-appoġġ għall-implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;

Or. fr

Emenda 1132
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-promozzjoni tal-aċċessibbiltà,*** u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-appoġġ għall-implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;	(c) ***l-Istati Membri jiġu mħeġġa b'mod partikolari fil-promozzjoni tal-aċċessibbiltà*** u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-appoġġ għall-implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà;

Or. fi

Emenda 1133
Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inklużi l-omofobija, il-lesbofobija, il-bifobija, it-transfobija, l-interfobija u l-intolleranza abbażi tal-identità tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline;

Or. en

Emenda 1134
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;	(d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal***, b'mod partikolari l-protezzjoni ta' minorenni minn esponiment bikri għal kontenut vjolenti, pornografiku jew mhux xieraq għall-età tagħhom***;

Or. fr

Emenda 1135
Alessandro Ciriani, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;	d) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal***, b'enfasi fuq ir-rwol tal-familja bħala l-ewwel post ta' kura, edukazzjoni u tkabbir***;

Or. it

Emenda 1136
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;	(d) il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal ***u l-iżgurar tal-aħjar interessi tat-tfal jibqgħu l-kunsiderazzjoni primarja***;

Or. en

Emenda 1137
Gabriela Firea, Maria Guzenina

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;	(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali***, inkluż permezz ta' sensibilizzazzjoni u tagħlim mhux formali dwar id-drittijiet tat-tfal u taż-żgħażagħ f'ambjenti diġitali dejjem aktar imsawra mill-intelliġenza artifiċjali, il-protezzjoni kontra disinn manipulattiv u tfassil ta' profili ta' sfruttament, u l-użu sikur, inklużiv u nondiskriminatorju tat-teknoloġiji diġitali***;

Or. en

Emenda 1138
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;	(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, ***b'mod partikolari l-protezzjoni miċ-ċensura arbitrarja, mir-restrizzjonijiet sproporzjonati għal-libertà tal-espressjoni u mill-esklużjoni diġitali bbażata fuq l-opinjonijiet politiċi leċiti***, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;

Or. fr

Emenda 1139
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, ***il-protezzjoni*** tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;	(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni ***u tal-informazzjoni***, id-dritt għall-privatezza, ***id-dritt għall-protezzjoni*** tad-data personali kif ukoll id-drittijiet ***fundamentali*** fl-ispazju diġitali ***u fl-ekosistemi diġitalizzati kollha***;

Or. en

Emenda 1140
Pernando Barrena Arza

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, ***il-protezzjoni*** tad-data personali kif ukoll id-drittijiet ***fl-ispazju*** diġitali;	(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni ***u tal-informazzjoni***, id-dritt għall-privatezza, ***id-dritt għall-protezzjoni*** tad-data personali kif ukoll id-drittijiet ***fundamentali kollha fl-ekosistema*** diġitali ***u diġitalizzata kollha***;

Or. en

Emenda 1141
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;	(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni***, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, id-drittijiet tal-ġenituri***, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-

drittijiet fl-ispazju diġitali;

Or. en

Emenda 1142
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;	(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni***, inkluż billi jiġu aboliti liġijiet vagi dwar id-diskors ta' mibegħda***, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;

Or. fi

Emenda 1143
Alex Agius Saliba

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;	(e) il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tal-espressjoni***, l-integrità tal-informazzjoni***, id-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali kif ukoll id-drittijiet fl-ispazju diġitali;

Or. en

Emenda 1144
Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, etniċi, reliġjuži u lingwistiċi, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-ħajja soċjali, ekonomika u kulturali u fl-affarijiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 1145
Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1146
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità ***u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra***, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta***.	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità ***tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra.

Or. fi

Emenda 1147
András László, Annamária Vicsek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili***, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni*** u l-promozzjoni ***tal-osservanza tal-Karta***.	(f) ***l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili ***abbażi tal-preżervazzjoni*** u l-promozzjoni ***tal-wirt kulturali nazzjonali u Kristjan tal-Ewropa.***

Or. en

Emenda 1148
Zsuzsanna Borvendég

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili***, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu*** attivi ***fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid*** tal-għarfien ***fost iċ-ċittadini*** dwar id-drittijiet minquxa ***fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta***.	(f) ***l-appoġġ għall-parteċipazzjoni ċivika u l-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili ***b'mod trasparenti, politikament newtrali u mhux partiġġjan, inklużi organizzazzjonijiet*** attivi ***fl-oqsma tal-wirt kulturali, l-appoġġ għall-familja, il-libertà reliġjuża, is-solidarjetà intergenerazzjonali, il-komunitajiet lokali u l-protezzjoni tat-tradizzjonijiet nazzjonali u lingwistiċi, meta l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għat-tixrid*** tal-għarfien ***taċ-ċittadini*** dwar id-drittijiet minquxa ***fit-Trattati u fil-Karta***. ***Tali appoġġ għandu jirrispetta l-identità kostituzzjonali, l-awtonomija istituzzjonali u l-proċessi demokratiċi tal-Istati Membri u ma għandux jiffinanzja attivitajiet politiċi tal-partiti, kampanji elettorali, promozzjoni ideoloġika diretta lejn il-minorenni, jew azzjonijiet primarjament immirati lejn l-eżerċitar ta' pressjoni politika fuq il-gvernijiet jew il-parlamenti nazzjonali.***

Or. en

Emenda 1149
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, Alessandro Zan, José Cepeda, Victor Negrescu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità ***u r-***

appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien ***fost iċ-ċittadini*** dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta**.**

reżiljenza u jingħata appoġġ ***finanzjarju aċċessibbli, prevedibbli u pluriennali, li għandu jinkludi l-għoti ta' għotjiet operattivi, u miżuri ta' protezzjoni,*** lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra ***tal-ispazju ċiviku - inklużi organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi esposti għal diskriminazzjoni strutturali***, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien dwar id-drittijiet ***u l-valuri*** minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta**,**

Or. en

Emenda 1150
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa ***fit-Trattat***, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa ***fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE***, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-

promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.	promozzjoni tal-osservanza tal-Karta***, inkluż appoġġ immirat u aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi esposti għad-diskriminazzjoni***.

Or. en

Emenda 1151
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Brigitte van den Berg, Irena Joveva, Fabienne Keller, Lucia Yar, Dainius Žalimas, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Sophie Wilmès, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE ***inkluż permezz ta' appoġġ għal attivitajiet indipendenti ta' verifika tal-fatti li jikkontribwixxu għal dibattitu pubbliku infurmat u r-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni***, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.

Or. en

Emenda 1152
Erik Kaliňák

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta***, filwaqt li jiġi żgurat li l-fondi jiġu allokati b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u politikament newtrali***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-finanzjament tas-soċjetà ċivili mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq kriterji trasparenti u oġġettivi u ma għandux iwassal għal favoritiżmu lejn organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-pożizzjonijiet politiċi jew ideoloġiċi tagħhom.

Emenda 1153
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra***, bħal gruppi ta' riflessjoni li l-għanijiet statutorji tagħhom huma li jipproteġu u***

ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.

jippromwovu l-valuri Ewropej, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, fil-promozzjoni tar-reżiljenza demokratika tal-UE, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.

Or. en

Emenda 1154
Nikola Minchev, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Laurence Farreng, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva, Hristo Petrov, Hilde Vautmans, Bernard Guetta, Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, ***fil-promozzjoni*** tar-reżiljenza demokratika tal-UE, ***in-nondiskriminazzjoni*** u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.	(f) it-trawwim ta' spazju ċiviku vibranti billi tinbena l-kapaċità u jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u atturi rilevanti oħra, li jkunu attivi fil-livelli kollha fil-protezzjoni, fil-promozzjoni u fit-tixrid tal-għarfien fost iċ-ċittadini dwar id-drittijiet minquxa fit-Trattat, ***fit-tisħiħ*** tar-reżiljenza demokratika tal-UE, ***fit-trawwim tal-fehim reċiproku, tal-fiduċja ċivika u tad-depolarizzazzjoni, il-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni*** u l-ugwaljanza, u l-valuri tal-Unjoni b'mod aktar ġenerali, fosthom ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt, id-demokrazija, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-osservanza tal-Karta.

Or. en

Emenda 1155
Alessandro Ciriani, Carlo Fidanza, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
